IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.4.2020
COM(2020) 171 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2020/265 fir-rigward tal-aġġustamenti għall-ammonti mmobilizzati mill-Istrument ta' Flessibbiltà għall-2020 biex jintużaw għall-migrazzjoni, id-dħul ta' rifuġjati u t-theddid għas-sigurtà, għal miżuri immedjati fil-qafas tat-tifqigħa tal-COVID-19 u għat-tisħiħ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fis-27 ta' Novembru 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċidew li jimmobilizzaw l-Istrument ta' Flessibbiltà għall-ammont ta' EUR 778,1 miljun għall-intestatura 3, *Sigurtà u Ċittadinanza*, kif propost mill-Kummissjoni (id-Deċiżjoni (UE) 2020/265[1]).

Fis-27 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 1/2020[2]. Dan kien jinkludi, fost l-oħrajn , żieda kumplessiva ta' EUR 423,3 miljun fl-approprjazzjonijiet ta' impenn taħt l-intestatura 3 biex tindirizza l-ħtiġijiet li jirriżultaw minn pressjoni migratorja miżjuda fil-Greċja, biex jiffinanzjaw miżuri immedjati meħtieġa fil-qafas tat-tifqigħa tal-COVID-19 (l-ewwel ħażna ta' apparat mediku li qatt saret taħt rescEU) u biex jiżdied il-baġit għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Fl-ABE Nru 1/2020 il-Kummissjoni pproponiet li jintuża l-Marġni Globali għall-Impenji (global margin for commitments — GMC) għall-ammont ta' EUR 350,0 miljun disponibbli mill-2018 biex ikopri parti minn din iż-żieda relatata mal-migrazzjoni. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li l-parti li jifdal miż-żieda (EUR 73,3 miljun) tiġi ffinanzjata billi l-ammont immobilizzat mill-Istrument ta' Flessibbiltà jiġi aġġustat skont dan u biex l-iskop tad-Deċiżjoni (UE) 2020/265[3] jiġi estiż.

Il-Kummissjoni llum qed tippreżenta l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2020[4], li jinkludi żieda addizzjonali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn taħt l-intestatura 3 ta' EUR 3 000,0 miljun biex ikopru r-riattivazzjoni tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza fi ħdan l-Unjoni (Emergency Support Instrument — ESI) biex jgħin lill-Istati Membri jindirizzaw il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 u biex isaħħaħ aktar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili/rescEU sabiex tiġi ffaċilitata l-ħażna u l-koordinazzjoni usa' tad-distribuzzjoni tar-riżorsi essenzjali madwar l-Ewropa. Minħabba n-nuqqas ta' spazju għal riallokazzjonijiet taħt l-intestatura 3 u f'konformità mal-proposta, ippreżentata llum ukoll, li jiġi emendat ir-Regolament tal-QFP biex jitneħħew il-limitazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-istrument[5], il-Kummissjoni qed tipproponi fl-ABE Nru 2/2020 l-użu tal-GMC għall-ammont sħiħ disponibbli taħt dan l-istrument speċjali ta' EUR 2 042,4 miljun[6] biex ikopri din iż-żieda.

Barra minn hekk, din id-deċiżjoni proposta ta' mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà temenda d-Deċiżjoni (UE) 2020/265 tas-27 ta' Novembru 2019 u tissostitwixxi l-emenda ppreżentata flimkien mal-ABE Nru 1/2020. Il-proposta l-ġdida għaldaqstant tkopri ż-żidiet kombinati tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-intestatura 3 inklużi kemm fl-ABE Nri 1 u 2/2020, iżżid l-ammont totali biex ikun mobilizzat għal EUR 1 094,4 miljun[7] u teżawrixxi l-ammont disponibbli taħt dan l-istrument għall-2020.

Minħabba li l-użu tal-GMC fl-ABE Nru 2/2020 u din id-deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni proposta tal-Istrument ta' Flessibbiltà mhumiex biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-ESI, il-Kummissjoni qed tagħmel ukoll proposta separata[8], flimkien mal-

---

1 ĠU L 58, 27.2.2020, p. 51.
2 COM(2020) 145, 27.3.2020.
3 COM(2020) 140, 27.3.2020.
4 COM(2020) 170, 2.4.2020.
5 COM(2020) 174, 2.4.2020.
6 Dan l-ammont iqis il-marġni li fadal mill-2019 (EUR 1 316,9 miljun) li sar disponibbli għall-2020 fl-"Aġġustament tekniku fir-rigward tal-istrument speċjali" adottat illum mill-Kummissjoni (COM(2020) 173, 2.4.2020)
7 Dan l-ammont iqis EUR 175 miljun li skadew mill-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni Ewropew fl-2019 u żdiedu fl-Istrument ta' Flessibbiltà fl- "Aġġustament tekniku fir-rigward tal-istrument speċjali" adottat illum mill-Kummissjoni (COM (2020) 173, 2.4.2020).
8 COM(2020) 172, 2.4.2020.

ABE Nru 2/2020, biex jiġi mmobilizzat il-Marġni ta' Kontinġenza għall-2020 b'ammont ta' EUR 714,6 miljun.

L-approprjazzjonijiet ta' pagament indikattivi li jikkorrispondu mal-mobilizzazzjoni aġġornata tal-Istrument ta' Flessibbiltà huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt:

(f'miljuni ta' EUR, bil-prezzijiet kurrenti)

Sena	Approprjazzjonijiet ta' pagament relatati mal-mobilizzazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà fl-2020
2020	574,6
2021	413,7
2022	66,2
2023	39,9
Total	**1 094,4**

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2020/265 fir-rigward tal-aġġustamenti għall-ammonti mmobilizzati mill-Istrument ta' Flessibbiltà għall-2020 biex jintużaw għall-migrazzjoni, id-dħul ta' rifuġjati u t-theddid għas-sigurtà, għal miżuri immedjati fil-qafas tat-tifqigħa tal-COVID-19 u għat-tishih tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[1], u b'mod partikolari l-punt 12 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Istrument ta' Flessibbiltà huwa maħsub biex jippermetti l-finanzjament ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tiġi ffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli ta' intestatura waħda jew aktar tal-baġit ġenerali tal-Unjoni.

(2) Il-limitu massimu tal-ammont annwali disponibbli għall-Istrument ta' Flessibilità huwa ta' EUR 600 000 000 (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013[2], miżjud, fejn applikabbli mill-ammonti li skadew li saru disponibbli skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu.

(3) Fis-27 ta' Novembru 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Deċiżjoni (UE) 2020/265[3] li timmobilizza l-Istrument ta' Flessibbiltà biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 778 074 489 f'approprjazzjonijiet ta' impenn fl-intestatura 3 (*Sigurtà u Ċittadinanza*) għas-sena finanzjarja 2020 biex jiġu ffinanzjati miżuri fil-qasam tal-migrazzjoni, tar-refuġjati u tas-sigurtà.

(4) L-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2020[4] jinkludi żieda ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għall-intestatura 3 ta' EUR 423 300 000 biex tindirizza l-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-pressjoni migratorja miżjuda fil-Greċja, biex tiffinanzja miżuri immedjati fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19 u biex tkopri żieda fil-baġit għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Minn din iż-żieda kumplessiva, EUR 350 000 000 huma koperti mill-użu tal-Marġni Globali għall-Impenji stabbilit fl-Artikolu 14 tar-

[1] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

[3] Id-Deċiżjoni (UE) 2020/265 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-finanzjament ta' miżuri baġitarji immedjati biex jiġu indirizzati l-isfidi kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul tar-rifuġjati u tat-theddid għas-sigurtà (ĠU L 058, 27.2.2020, p. 51)

[4] COM(2020) 145, 27.3.2020.

Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013, u EUR 73 300 000 permezz ta' mobilizzazzjoni addizzjonali tal-Istrument ta' Flessibbiltà għall-2020. Huwa neċessarju wkoll li jiġi aġġustat il-profil tal-pagament indikattiv.

(5) L-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2020[5] jinkludi żieda addizzjonali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn taħt l-intestatura 3 ta' EUR 3 000 000 000 biex ikopru r-riattivazzjoni tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza fi ħdan l-Unjoni (Emergency Support Instrument — ESI) biex jgħin lill-Istati Membri jindirizzaw il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 u biex isaħħaħ aktar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili/rescEU sabiex tiġi ffaċilitata l-ħażna u l-koordinazzjoni usa' tad-distribuzzjoni tar-riżorsi essenzjali madwar l-Ewropa. Minn din iż-żieda, EUR 2 042 402 163 huma koperti mill-użu tal-Marġni Globali għall-Impenji stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013, u EUR 243 039 699 permezz ta' mobilizzazzjoni addizzjonali tal-Istrument ta' Flessibbiltà għall-2020. Huwa neċessarju wkoll li jiġi aġġustat il-profil tal-pagament indikattiv.

(6) Jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni (UE) 2020/265 tiġi emendata skont dan.

(7) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-istess jum tal-emenda tal-baġit tal-2020 minħabba li l-Istrument ta' Flessibbiltà jippermetti l-finanzjament ta' xi azzjonijiet li jaqbeż il-limitu massimu stabbilit għall-baġit tal-2020 fil-qafas finanzjarju pluriennali.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/265 huwa emendat kif ġej: "EUR 778 074 489" hija sostitwita b'"EUR 1 094 414 188".

It-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa sostitwit bi: "L-ammonti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw miżuri biex jindirizzaw l-isfidi kontinwi tal-migrazzjoni, tad-dħul ta' rifuġjati u tat-theddid għas-sigurtà, kif ukoll il-kriżi attwali tas-saħħa fl-Unjoni Ewropea li tirriżulta mit-tifqigħa tal-COVID-19, u l-ħtiġijiet akbar tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew."

Fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, il-punti (a) sa (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) EUR 574 652 355 fl-2020;

(b) EUR 413 658 806 fl-2021;

(c) EUR 66 154 477 fl-2022;

(d) EUR 39 948 550 fl-2023."

[5] COM(2020) 170, 2.4.2020.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*